# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 9

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sinjorina Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida

ASSENTI

Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qari l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Anthony Dalli u tas-Sinjorina Maragret Baldacchino Cefai u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

9.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 8 li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' April 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

9.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi.

9.2.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippropona li l-*item* numru 9.3 minn fuq l-aġenda jitħalla għall-aħħar tal-laqgħa sabiex ikun hemm biżżejjed ħin għal diskussjoni. Huwa spjega kif għal din id-diskussjoni ser ikun preżenti wkoll il-President ta' l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Mario Fava, sabiex jiġu diskussi wkoll il-problemi li għandu r-Reġjun.

## 9.4 Komunikazzjoni mill-President

9.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ma kellu l-ebda komunikazzjoni.

## 9.5 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

9.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

9.5.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 9.6 Rapporti – *Management Letter* u l-Ittra ta' Tweġiba

9.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda l-*Management Letter* kif ukoll it-tweġiba ppreparata mis-Segretarju Eżekuttiv għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

9.6.2 Dan iż-żewġ dokumenti kienu meħuda bħala moqrija u ġew approvati unanimament fuq l-approvazzjoni tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 9.7 Sejħa għal Servizz ta’ Espert Estern għal Taħriġ, Sapport, Identifikazzjoni ta’ Opportunitajiet fil-Fondi ta’ l-UE għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali

9.7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri kif matul dawn l-aħħar erbgħa ġimgħat kienu saru laqgħat ta’ introduzzjoni mal-Kunsilli Lokali ta’ Ħal Balzan, Birkirkara, Imsida, Ħal Lija, San Ġwann, San Ġiljan u Ta’ Xbiex.

9.7.2 Żied jgħid kif nhar il-Ġimgħa 1 ta’ Ġunju 2018 ser isiru l-laqgħat mal-Kunsill Lokali ta’ Ħ’Attard, Santa Venera, Pietá, Gżira u Iklin.

9.7.3 Is-Sur Fenech Adami spjega li permezz ta’ dawn il-laqgħat il-kumpanija EMCS Ltd qed tiġbor l-informazzjoni meħtieġa mingħand il-Kunsilli Lokali biex b’hekk tkun tista’ tapplika malli jkun hemm programm ta’ fondi.

9.7.4 *17:48pm – Il-Viċi Sindku ta’ Ħal Balzan, is-Sur André Grech, wasal għal din il-laqgħa.*

## 9.8 Sejħa għal Servizz ta’ ‘Pre-Press, Printing, Binding, Slipcase, Packing and delivery of an Illustrated Book’

9.8.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lll-membri preżenti kif minħabba li ma kien hemm l-ebda appell, din is-sejħa ġiet iffinalizzata u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv sejħet laqgħa ta’ introduzzjoni mal-kuntrattur li rebaħ din is-sejħa. Din il-laqgħa ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 25 ta’ Mejju 2018. B’hekk, aktar dettalji dwar dan ser jingħataw fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 9.9 Sejħa għal Servizz ta’ *Mechanical Engineer*

9.9.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda r-rapport ta’ l-evalwazzjoni għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

9.9.2 Huwa spjega kif b’kollox kien hemm sitt sejħiet u l-irħas offerta kellha kollox kif suppost. Jekk ma jkun hemm ebda appel din is-sejħa tiġi ffinalizzata u ssir l-ewwel laqgħa ta’ introduzzjoni bejn il-kuntrattur il-ġdid flimkiem miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv.

9.9.3 Ir-rapport ta’ evalwazzjoni ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

## 9.10 Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-Ġdid ta’ Tarmak lil Toroq fir-Responsabiltà tal-Kunsilli Lokali.

9.10.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal li dan ir-Reġjun irċieva total ta’ tliet applikazzjonijiet mingħand il-Kunsilli Lokali ta’ Santa Venera, Ħ’Attard, u Pietà sad-data ta’ l-għeluq.

9.10.2 Żied jgħid kif il-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara ma ssottometta l-ebda dokumenti minħabba li ma leħaqx għamel it-Triq li kellu pjanata però dan il-Kunsill ġab ingħata estensjoni sabiex

ix-xogħol jitlesta sa l-aħħar t'Ottubru 2018.

9.10.3 Hekk kif it-toroq kollha ikunu lesti, r-Reġjun ikollu jqabbad lill-awdituri sabiex dawn ix-xogħolijiet jiġu awditjati speċifikament fuq din l-inizjattiva. Dawn il-pagamenti huma nklużi fl-iskeda ta' pagamenti li qed tiġi pprezentata f'din il-laqgħa.

9.10.4 Il-membri preżenti unanimament approvaw dawn ix-xogħolijiet.

## 9.11 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Aġġornament fuq il-ġbir ta' multi pendenti*

9.11.1 Il-President informa lill-membri kif wara l-aħħar laqgħa l-avukat, Dott. Richard Sladden, bagħat ittri legali tal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida fejn ġew imħalsa 79-il ċitazzjoni li jammontaw għal €4,707.09. Wara li ġew imnaqsa l-ispejjez ta' l-avukat ta' €3,603.05, il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida ser jingħata l-ammont ta' €1,104.04.

9.11.2 Il-President informa dwar l-ittri legali ta' Ħ'Attard fejn ġew imħalsa 66-il ċitazzjoni li jammontaw għal €3,662.88. Wara li ġie mnaqqas l-ispiża ta' l-Avukat ta' €1741.24, dan il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €1921.64. Dawn l-ammonti ġew inklużi fl-iskeda tal-pagamenti f'din il-laqgħa.

- *Kors ta' l-Accounts*

9.11.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda e-mejl mingħand ilPresident ta' l-ANSEK, is-Sur Paul Gatt, fejn qieghed jinforma lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lir-Reġjuni dwar kors fuq Accounts u l-użu tas-software Sage Line 50 għal Kunsilli Lokali. Dan il-kors ser isir minn TCTC bil-kollaborazzjoni ta' ANSEK u mad-Dipartiment għal Gvern Lokali. Il-Prezz għal dan il-kors inkluż eżami fl-aħħar huwa ta' €395 fejn €125.00 ta' l-ispiża ser titħallas mill-DGL, €95.00 ser jitħallas minn ANSEK, u €175.00 għandu jinħareġ mir-Reġjun. Għal din ir-raġuni qed jiġi propost li għal dan il-kors għandhom jattendu s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll l-Accounts Officer, is-Sur Ian Magro.

9.11.4 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Deputat Segretarju Eżekuttiv*

9.11.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta emejl mingħand id-DLG sabiex is-Sinjura Marica Mifsud għal darb'oħra tkun ikkonfermata bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun.

9.11.6 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Fondi mhux użati mill-ESC Plan*

9.11.7 Il-President, is-SUR Michael Fenech Adami, fakkar lil membri dwar l-ammont ta' €9,060 li għandhom mhux użati sabiex ir-Reġjun jikteb proposta biex titressaq għall-approvazzjoni

tad-DLG. Jekk il-proposta ma tiġix approvata, dawn il-flus ikunu jridu jerġgħu jmorru lura għal għand id-DLG.

- *Bnadar tar-Reġjun*

9.11.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq tliet kwotazzjonijiet sabiex dan ir-Reġjun jipprovdi bandiera tar-Reġjun għal kull lokalità fi ħdan ir-Reġjun fejn ġiet magħżula l-irħas offerta.

- *Medalji għal Avvenimenti Sportivi*

9.11.9 Il-President ippreżenta tliet kwotazzjonijiet sabiex dan ir-Reġjun ikun jista' jħallas l-medalji għal avvenimenti sportivi li ser isiru matul din is-sena fejn ġiet magħżula l-irħass offerta.

## 9.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.12.1 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, sekondat mis-Sindku ta' Ħ'Attard, Is-Sur Stefan Cordina, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 8A u 8B.

9.12.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 9.13 **Mozzjonijiet**

9.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

9.13.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li ser nipproċedu fuq *item* numru 9.3 ta' l-Aġenda u għal din ir-raġuni sejjaħ fil-kamra lill-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, kif ukoll lir-rappreżentanti mill-Aġenzija, LESA.

## 9.3 LESA

9.3.1 Is-Sur Mario Fava spjega kif wara laqgħa li sejjaħ hu flimkien mal-Presidenti u s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni, huwa sejjeħ għal laqgħa ma' l-On. Dott. Owen Bonnici sabiex jiġi diskuss x'kien intqal f'laqgħa li kienet saret u sabiex dak li intqal jiġi mwettaq.

9.3.2 Is-Sur Fava kompli jgħid li qed jistenna data mingħandu peró, sadanittant, huwa bagħata ukoll komunikazzjoni bħala AKL sabiex kull Reġjun jindika l-ispejjeż li saru minn Ottubru 2015 sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu rkuprati u s'issa kien hemm diġa risposta mingħand żewġ Reġjuni.

9.3.3 Is-Sur Fava żied jgħid kif fil-laqgħa li kien sejjaħ hu bħala AKL qamet id-diskussjoni dwar it-Tribunali u jekk dawn għandhomx jibqgħu taħt ir-responsabiltà tar-Reġjun u jekk dawn għandhom imorru għand l-Aġenzija, l-uffiċini tat-Tribunali għandkom jiġu reallokati. B'hekk

il-laqgħa tal-llum saret b'konsegwenza ta' din il-laqgħa.

9.3.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, stieden sabiex kull membru preżenti jressaq id-domandi tiegħu.

9.3.5 Il-Viċi President tar-Reġjun u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, staqsa dwar il-filmat tal-kameras tas-CCTV li kienu ġew installati mill-operatur tar-riċiklaċċ minħabba r-rimi ta' skart goff. Huwa staqsa jekk dawn il-filmati għandhomx żmien sakemm iridu jkunu għand il-LESA.

9.3.6 Ir-Regional Officer, is-Sur Sandro Muscat, spjega li ritratti tal-filmat għandhom jintbagħtu fi żmien tnax-il siegħa sabiex tkun tista' tinħareġ il-kontravenzjoni. Fir-ritatti għandu jidher ċar in-numru tal-karozza. Il-persuna nkarigata dwar l-ambjent huwa s-Sur Stephen Cassar. Jekk il-kontravenzjoni ma tinħarigx fi żmien 24 siegħa minn mindu jkun sar ir-reat, il-Kummissarju jkollha twaqqa t-taħrika.

9.3.7 Is-Sur Stefan Cordina tkellem ukoll dwar il-problema ta' parkeġġ speċjalment fejn il-Kitchen Garden u kif waqt ċertu *peak hours* uħud mir-residenti jiftehmu sabiex jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet ta' xulxin. Pero meta jgħaddi l-Gwardjan Lokali dan joħroġ il-multi.

9.3.8 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, tkelmet dwar il-parkeġġ fejn f'ċerti żoni jipparkjaw *at an angle*. Din il-problema ta' parkeġġ qed iġġiegħel residenti sabiex kmieni filgħodu joqgħodu jqumu kmieni sabiex ikunu jistgħu ipoġġu il-karozza f'post tajjeb qabel ma jersaq il-Gwardjan Lokali.

9.3.9 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk individwu jipparkja quddiem il-garaxx tiegħu, dan jista' jingħata multa.

9.3.10 Is-Sinjura Vassallo spjegat li l-liġi tgħidlek kif ħadd, inkluż is-sid, ma jista' jipparkja quddiem il-garaxx. Però bħala Aġenzija ma tmurx għal dak l-estremita imma Transport Malta xorta tħarrek. Hi spjegat li l-Gwardjani Lokali huma nfurmati li jekk is-sid jaċċetta li tinħareġ multa, is-sid tal-garaxx jew min ikun għamel ir-rapport, ikollu jitla' bħala xhud fit-Tribunal.

9.3.11 Is-Sinjura Vassallo żiedet tgħid li Transport Malta għandha r-regoli tagħha u l-LESA għandha r-regoli tagħha wkoll fejn waħda hija awtorita u l-oħra hija aġenzija.

9.3.12 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li jidher biċ-ċar li ħadd ma jaf min hu r-regolatur u jkun tajjeb li din tiġi identifikata.

9.3.13 Il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, ressaq id-domanda tiegħu fuq it-trakkijiet li ma jkollhomx permezz u jekk dawn għandhomx jiġu rrappurtati.

9.3.14 Is-Sinjura Vassallo spjegat li fil-preżent qed isir proċedura fil-Kunsilli Lokali fejn qabel ma l-Kunsilli jagħlqu l-uffiċċju, il-Kunsill għandu jibgħat lista ta' permessi li nkunu nħarġu fil-lokalità sabiex meta l-Gwardjan Lokali jkun qed idur u jara li hemm xi xogħol li qed isir mingħajr permess, hu jkun jista joħroġ il-multa.

9.3.15 Is-Sur Michael Fenech Adami spjega kif ir-Reġjun kien qed jagħmel dan l-istess eżerċizzju mal-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun però kif kienet ser tinħareġ sejħa, id-DGL kien informa lir-Reġjun li dawn l-inspezzjonijiet ma jistgħux isiru peress li jaqgħu taħt l-

OHSA.

9.3.16 Is-Sur Fenech Adami staqsa jekk il-Gwardjani Lokali humiex iduru fil-weekends peress li ħafna mix-xogħolijiet illegali jsir matul dawn il-jumejn fil-ġimgħa.

9.3.17 Is-Sinjura Vassallo spjegat li il-Gwardjani Lokali fil-preżent jaħdmu sa' l-għaxra ta' filgħaxija u fis-sajf ser jaħdmu sa nofsilejl. Żiedet tgħid ukoll li fix-xhur tas-sajf ser jibdew iduru matul il-lejl ukoll. Is-Sinjura Vassallo tenniet li jekk ikun hemm xi problema wieħed għandu dejjem jagħmel kuntatt dirett ma' l-Aġenzija.

9.3.18 Il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, staqsa dwar it-trukkijiet li jkunu ipparkjati matul il-lejl u jekk hemmx limitu ta' tunellaġ fejn dan għandu jkun pparkjat ġewwa u mhux fit-Triq.

9.3.19 Is-Sinjura Vasallo spjegat li kazijiet bħal dawn għandhom jiġu rrappurtati permezz ta' emejl lill-Aġenzija sabiex ikunu jistgħu jibgħatu persuna fuq il-post.

9.3.20 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, irringrazzja lis-Sur Sandro Muscat flimkien ma Gwardjani Lokali oħra li kienu t'għajnuna għal Kunsill Lokali tiegħu. Peró hu jixtieq li l-Gwardjani Lokali għandhom ikunu kollha l-istess billi jduru fit-Toroq u jaraw hemmx plastic taħt trak tal-konkos u jekk le ikollhom l-awtorità sabiex jgħidulhom biex iżarmaw u mhux ikunu fuq il-post sabiex jidderiġu t-traffiku biss.

9.3.21 Is-Sinjura Vassallo spjegat kif mill-1 ta' Mejju 2018 il-Gwardjani lokali li jkunu qedin ma' makkinarju huma permessi li jistgħu jwaqfu u jgħatu ċitazzjoni bħal jekk xi ħadd ikun qed isuq bla ċinturin tas-sigurtà. Il-Gwardjan Lokali għandhom jinfurmaw lil min qed jiġi mħarrek li għandu jirċievi multa bil-posta u jgħati r-raġuni fuq xiex tkun ingħatat dik iċ-ċitazzjoni.

9.3.22 Is-Sinjura Vassallo spjegat li dwar il-permessi tal-krejnijiet, il-LESA qedha fil-proċess biex jinxtara tagħmir li suppost il-kuntrattur jinvesti fihom u jara li qedin fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Madankollu 'l quddiem ser jingħata seminar lill-Kunsilli Lokali fejn ser jiġu mgħarfa bi proċessi ġodda wara li dawn ġew approvati mill-Ministru. Ser tingħatas dokumentazzjoni lil kull Kunsill Lokali bl-istampi ta' kull tip ta' inġenerija li teżisti. Il-persuna li jkun qed jitlob il-permess ikun irid jindika liema makkinarju jkun ser juża. Fl-aħħar tal-ġurnata l-permessi kollha għandhom jintbagħtu lill-Aġenzija sabiex il-Gwardjan Lokali jkun jista' jmur jivverifika.

9.3.23 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li ħafna mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun investew f'sistema ma' kumpanija lokali sabiex ma jkunx hemm problemi ta' komunikazzjoni u fejn kollox huwa kompjuterizzat. Mill-ispjegazzjoni li qed tingħata mill-LESA, is-Sur Fenech Adami qal li kull entita' – TM, Pulizija, Reġjuni - qed taħdem għal rasha.

9.3.24 Is-Sur Guido Dalli tkellem dwar il-problema ta' l-iskart u kif din il-problema tinsab fil-lokalitajiet kollha.

9.3.25 Is-Sinjura Vassallo spjegat li l-Kunsill Lokali għandu jinforma lill-LESA u jgħati indikazzjoni ta' perjodu ta' ħin biex wieħed jgħin lill-Gwardjan speċjalment peress li fil-preżent għad m'hemmx biżżejjed Gwardjani Lokali. Żiedet tgħid ukoll li l-Cleansing Department jistgħu joħorgu taħrikiet fuq hekk biss.

9.3.26 Il-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, spjegat li l-problema fil-lokalità tagħhom hija li l-Gwardjani Lokali jmorru dejjem fl-istess post u l-problema biż-żibel baqgħet ma ssolvietx. Żiedet tgħid ukoll li qed jingħataw ċitazzjonijiet minħabba li wieħed ikun qed jostakola aċċess meta dan l-aċċess huwa biex jgħati għal għalqa.

9.3.27 Is-Sinjura Vassallo spjegat li wieħed jifhem li ħafna resident li jgħixu fi sqaqien jifthemu bejniethom dwar parkeġġ però xorta jridu jħallu aċċess biex tkun tista' tidħol ambulanza u *fire engine* f'każ ta' emerġenza.

9.3.28 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, spjega li aktar kmieni filgħodu kien hemm laqgħa bejn is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Matthew Dimech, u is-Sinjura Vassallo dwar il-problemi li qed ikollha din il-lokalità u għalhekk ħafna mill-punti diġa ġew diskussi. Però xtaq isaqsi x'tabelli għandu jkun hemm quddiem garaxxijiet. Staqsa wkoll dwar min mill-Kunsill Lokali għandu d-dritt iċempel dirett lil Gwardjan Lokali jekk ikun qed jiġri xi reat.

9.3.29 Is-Sur Mario Fava ppropona li kull Kunsill għandu jistabilixxi kriterji u din għandha tkun deċizjoni tal-Kunsill u wieħed iċempel biss fuq dawk il-kriterji.

9.3.30 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, spjega kif matul dawn l-aħħar ħames snin huwa jħoss li għandu relazzjoni tajba ma' l-Aġenzija. Però huwa spjega kif il-Kunsill Lokali kien talab sabiex jitwaħħlu kameras tas-CCTV u s'issa l-Kunsill ma ngħatax deċizjoni dwar dan. Żied jgħid ukoll kif qabel ma bdiet l-Aġenzija, is-*surplus* mir-Reġjun li kien jieħu miċ-ċitazzjonijiet kien jitqassam bejn il-Kunsilli Lokali sabiex isiru proġetti fil-lokalità. Peress li dan mhux possibli li jibqa jsir mir-Reġjun peress li mhux qed jingħata fondi, huwa staqsa jekk hemmx xi ħsieb li l-LESA tagħmel l-istess.

9.3.31 Dwar il-kamersa, is-Sinjura Vassallo qalet li dawn għadhom iridu jiġu diskussi. Id-domanda għal dawn il-kameras dejjem qed tikber u wieħed dejjem għandu jara l-inħawi ta' fejn din il-kamera titpoġġa speċjalment fejn jidħlu l-ħwienet. Meta Kunsill Lokali jkollu bżonn CCTV għandu jġib l-approvazzjoni waqt il-laqgħa tal-Kunsill umbad tgħaddi għand l-Aġenzija. Dwar is-*surplus*, is-Sinjura Vassallo spjegat li l-Aġenzija timxi skond id-direzzjoni politika. Żiedet tgħid ukoll li jekk wieħed ser iressaq talba lill-Aġenzija, l-istess talba għandha ssir ukoll lit-TM li dawn idaħlu flus mill-multi bħal ma taqla l-Aġenzija.

9.3.32 *19:30pm – is-Sur Andre Grech skuża ruħu mill-laqgħa.*

9.3.33 Is-Sur Michael Fenech Adami spjega kif waħda mir-raġunijiet priċipali għalfejn issejħet laqgħa mar-rapprezentanti tal-LESA kien propju minħabba li dan ir-Reġjun, f'żewg laqgħat separati, ma kienx qabel li għandu jħallas it-10% Commission lil din l-Aġenzija minħabba li dan ir-Reġjun għadu ma ngħata l-ebda fondi minn mindu bdiet tiffunzjona l-Aġenzija.

9.3.34 Huwa spjega kif meta l-Accountant tal-LESA infurmat lil dan ir-Reġjun permezz ta' telefonata li mhux ser tgħaddi l-ebda pagament, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv talbu bil-miktub sabiex issir laqgħa b'mod immedjat biex din il-problema tiġi diskussa u tissolva. Però, wara diversi reminders mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, dan ir-Reġjun baqa bla risposta. Kien hawn li s-Sur Mario Fava offra li jintervjeni biex jgħin tissolva din il-problema.

9.3.35 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex l-ammont pendenti jiġi mħallas mir-Reġjun u l-

ammont pendenti mill-LESA jiġi mgħoddi wkoll.

9.3.36 Il-President żied jgħid li fil-laqgħa li saret fl-AKL, qed jiġi diskuss jekk it-tribunali għandhomx jibqgħu responsabli minnhom ir-Reġjoni jew jekk dan għandhomx jibdew jaqgħu taħt l-Aġenzija. Huwa spjega li t-Tribunali kienu mwegħdin li jibqgħu taħt ir-responsabiltà tar-Reġjun u dawn għandhom jibqgħu.

9.3.37 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, esprima l-bżonn ta' aktar komunikazzjoni kif kien imwigħed minħabba li qed jidher li ħafna xogħol qed isir doppju u fl-aħħar mill-aħħar ir-resident ma jkunx qed jiġi moqdi. Hekk kif il-Kunsilli Lokali humwa obligati li jiltaqgħu ma' l-ispettur tar-raħal darba fix-xhar, l-istess għandu jibda jsir ma' l-Aġenzija kif ukoll ma' TM.

9.3.38 Is-Sur Mario Fava żied jgħid li jrid ikun hemm ukoll *link* bejn ir-Reġjuni u l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn mil-Kunsill jgħaddi għand ir-Reġjun u mir-Reġjun jasal għand l-AKL jew il-LESA. B'hekk kull entita tkun qed tikkomunika ma ħames Reġjuni biss.

## 9.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.14.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 13 ta' Ġunju, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |